MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2008

Numru. 957/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND BORG**

**KONTRA**

**JONATHAN CINI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Jonathan Cini ta' 24 sena, bin Joseph u Salvina nee' Grech, mwieled nhar id- 9 ta' Settembru 1984, u residenti fil- fond 44, Sunrise, Triq Gianni Raimondo, Kalkara, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 452384(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar is- 6 ta' Settembru 2008, ghall habta tas- 2.30 ta' filghodu, mill- inhawid ta' Smart City, gewwa l- Irnella, ikkommetta serq ta' arblu tal- bnadar tal- fibre, liema valur jeccedi l- 232.94 Euros, ghad- dannu tal- kumpanija Smart City (Malta) u entitajiet ohra.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tat zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu;

Rat illi l-imputat ikkopera mal-Ufficjali tal-Pulizija;

Rat il-fedina penali netta tieghu;

Rat illi l-oggett misruq gie immedjatament irritornat mill-imputat;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 261, 267, 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjon din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------